# L-ewwel Malti li ħoloq film 3D lokali



**Ramona Portelli**

www.ramonaportelli.com

ramonaportelli@hotmail.com

Minn dejjem kont napprezza x-xoghol kbir li jittiehed sabiex jingibed film shih. Meta bdejna nsegwu l-films 3D aktar u aktar bdejt napprezza x-xoghol meravilju tieghu. Permezz ta' nuccali apposta, tibda tara l-oggetti resqin lejk, jew in-nies vicin tieghek wisq. Nammetti li mhux l-ewwel darba li norqod f'nofs film – jiddependi mill-kwalita, l-hin u l-ghejja li jkolli fijja. Izda meta nisma bi progett lokali, nidhol b'ruhi u gismi kollu, u ninteressa ruhi mill-bidu sal-ahhar fih.

Fil-fatt dan l-ahhar sirt naf b'Malti li jinsab fil-fazijiet finali tieghu sabiex jipproduci l-ewwel film 3D Malti bl-isem Tele-Monkey. Martin Bonnici diga ghamel progetti ohra li ma kienux 3D. Ghad ghandu sitta u ghoxrin sena, jghix il-Belt u jahdem bhala direttur u artist tal-post-produzzjoni. Matul dawn l-ahhar seba' snin, Martin hadem ma' diversi agenziji u djar tal-produzzjoni lokali. Propju mix-xahar li ghadda – Jannar 2012 – Martin beda jahdem full-time bhala direttur ta' Shadeena Films. L-istess kumpanija diga kisbet certu unuri mill-Malta Film Fund. Tele-Monkey huwa filfatt l-ewwel xoghol animat minn Shadeena Films idderigiet minn Martin Bonnici stess.

Sabiex inhadem Tele-Monkey b'kollox hadu sehem madwar hmistax il-ruh. Dawn jikkonsistu mit-tim centrali ta' seba' minn nies u ohrajn li taw l-ghajnuna taghhom fit-triq b'xoghol zghir u servizzi li ghenu lill-progett. It-tim centrali ikkonsista minn Martin Bonnici stess bhala kittieb, produttur u direttur, Ivan Saliba bhala l-artist 3D principali, Matthew Grima Connell bhala Production Designer, Benji Borg bhala l-Animatur principali, Spooky Monkey bhala l-kompozituri u Alexander Bundalo bhala s-Sound Designer.

Tkellimt ma' Martin sabiex insir naf aktar dwar dan il-progett tieghu, jew ahjar l-ewwel film 3D tieghu u ghal Malta. L-istorja tal-film kibret fuq ammont ta' zmien. "Bdiet bhala ftit noti qosra u kull ftit xhur kont inhares lura lejha u nikteb ftit iktar. Waqt vaganza fl-Irlanda kont qghattajt nofs ta' nhar gewwa. Niftakar kont dort innoti li kelli mieghi u ktibt outline, l-punti importanti ta' l-istorja li minnhom tohrog skript. Minn hemm ktibt madwar tlett verzjonijiet ta' l-istess skript, sakemm kont kuntent bl-istruttura u l-kontenut", beda jghidli Martin.

Sentejn u nofs hidma

Ilu jahdem fuq Tele-Monkey ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs, filwaqt li l-kollegi tieghu li hadmu mieghu fuq dan il-progett ilhom jahdmu mieghu madwar sena u nofs. Staqsejtu kif propjament kienet gietu l-idea sabiex johloq film 3D hu stess. "Mort ic-cinema, rajt film 3D u laqghatni. Allura ddecidejt li nuzaw dan il-progett bhala esperiment biex nippruvaw noholqu progett 3D", sostna Martin.

Nitkellem mieghu dwar l-istorja tal-film, fejn qalli l-istorja tieghu titratta dwar xadin bl-isem ta' Joe, li hu ffissat fuq ir-reklamar u t-TV shopping. Il-film jintroducina ghall-hajja ta' kuljum tieghu fejn jahdem xoghol stressanti u jqatta l-hin liberu tieghu kollu janalizza r-reklamar.

Durata ta' seba minuti u nofs bi skop

Ta' min jghid li Tele-Monkey huwa twil seba' minuti u nofs biss. Nistaqsih kif u ghaliex, ghax normalment film 3D xorta jkun twil daqs films ohrajn. "Irraguni li huwa daqstant qasir hi li konna nafu li mhux se jkollna l-fondi bizzejjed biex naghmlu film twil, u jien nemmen li ahjar taghmel film qasir u tajjeb milli film twil li jidher li hu mahdum fqir. B'dan il-mod Tele-monkey seta jilhaq livell aktar gholi sabiex biz-zmien nimxu ghal progetti ahjar".

B'kurzita fuqi ridt inkun naf il-process ta' kif jinhadem film 3D. Martin spjegali li film 3D jinhadem b'mod simili hafna ta' films animati ohra. Beda fuq karta bhala skript, imma l-parti l-kbira tax-xoghol sar bil-kompjuter. "Kull ma tara jrid jinbena b'mod digitali, jitpenga u jigi preparat ghall-animazzjoni. Bhal films ohra, kull xena trid tinxtghel u l-kamera mpoggija f'postha. Wara dan kollu l-karattru jigi mcaqlaq sabiex nohorġu l-emozzjoni li nridu fil-film. La kollox ikun f'postu, l-kompjuter jikkomputa l-istampa u nohorgu stampi li jigu maqghuda flimkien fl-istampa finali. Minhabba li dan hu film 3D, kull stampa tkun doppja, wahda ghal kull ghajn", spjegali b'mod dettaljat Martin.









Dawk kollha li jixtiequ jmorru jaraw Tele-Monkey ser ikunu jistghu jsegwuh fl-Empire Cinemas ta' Bugibba ghalissa. Filfatt minn Marzu li gej, ser ikun qed jidher qabel films ohra 3D. Fi kliem iehor kull min imur jara film 3D, ser jara Tele-Monkey b'xejn.

Mistoqsi kif ihossu bhala l-ewwel mohh Malti wara progett 3D lokali, wegibni, "Inhossni li fadalli hafna x'naqdef u li nrid noqghod attent sabiex ma nitlifx il-mira tieghi u nibqa ffukat u nohloq aktar progetti ta' kwalita".

Finalment nitkellem mieghu dwar ghajnuniet finanzjarji, u jekk fuq kollox sabux kollaborazzjoni ghal dan il-progett. Martin jikkonfermali li l-ikbar ghajnuna li kellhom giet mill-gvern bhala grant mill-Malta Film Fund. Dak intuza sabiex jizgura li dawk kollha li hadmu fuq il-progett jithallsu madwar nofs l-ammont normali taghhom. "Minhabba f'hekk nixtieq nirringrazzja lil kull min ha sehem talli accetta jaghti daqshekk hin lil dan il-progett. Apparti minn hekk investejt xi flus jien fil-progett sabiex inhallsu ghal xi spejjez ohra li ma kienux koperti mill-grant u ghenuna wkoll BeagleWorks, Studio 7 u l-Empire Cinemas billi offrew is-servizzi taghhom b'xejn bħala sponsors", ikkonfermali Martin.

Fl-ahharnett Martin xtaq jirringrazzja lil kull min wera interess fil-progett Tele-Monkey u jekk hemm min jixtieq iktar informazzjoni jista jsib is-sit elettroniku taghhom www.tele-monkey.com.